MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Numru. 804/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Ludvic Camilleri**

Kumpilazzjoni Nru: 804/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Ludvic Camilleri** ta' 33 sena, bin Anthony u Rita nee' Mifsud, imwieled Pieta' fis-17 ta' Marzu 1976, residenti f' Minor Court, Flat 3, Block F, Triq it-Turisti, Qawra, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 167476(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju 2009 jew fix-xhur u s-snin ta' qabel, ikkorrompa lil Nigel John Abela, ufficjal fid-

Dipartiment tal-VAT, u dan sabiex Nigel John Abela jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'mezz ta' rigali, weghdiet, jew b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifici foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ta' l-ewro (€2329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

U aktar talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza taghha ta' nhar l-14 ta' Mejju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

a) 18 u 115;
b) 42, 308, 309, u 310;
c) 28B;
d) 17, 18, 23B, 31, 119 u 533.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma fis-16 ta' Gunju 2010 meta l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat odjern jinkwadraw ruhhom f'kaz ferm aktar wiesa' u li nvoluti fih hemm ghadd ta' persuni ohra li fil-konfront taghhom ukoll hemm jew kien hemm proceduri penali pendenti.

Illi l-involviment ta' kull wiehed minn dawn il-persuni fil-kaz in kwistjoni jvarja mhux biss fin-numru ta' imputazzjonijiet li l-agir taghhom jinkwadra ruhu fihom imma anke fin-natura tar-reati li allegatament gew kommessi minn kull wiehed minn dawn il-persuni u fil-frekwenza ta'l-agir kriminuz da parti ta' kull wiehed mill-persuni involuti f'dan il-kaz.

Illi jirrizulta li l-imputat odjern kellu jghati xi ammonti lid-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud. Huwa sar jaf lil Nigel Abela u wasal ghal arrangement ma' dan Abela biex l-ammonti dovuta jigu kkancellati. Fil-fatt tramite din il-persuna gew prezentati zewg denunzji tal-VAT f'isem l-imputat (Dok AG3 a fol 26 u 27 tal-process) li permezz taghhom irrizulta kreditu fittizju favur l-imputat fis-somma ta' €70,519.52. L-intenzjoni kienet li dan l-ammont jigi utilizzat biex jaqta' (*offset*) dak l-ammont li huwa kellu jhallas lid-dipartiment u l-bilanc kien jithallas lilu bhala refund (naturalment refund mhux realment dovut) pero dan l-ammont jinghata lill-ufficjal imsemmi. Bhala rizultat ta'l-investigazzjoni li wasslet ghall-proceduri odjerni r-refund ma lahaqx thallas lill-imputat u t-tpacija li kienet saret giet revokata. Fil-fatt bhala parti minn din l-investigazzjoni sar ezercizju mid-dipartiment koncernat u jirrizulta li llum l-imputat mhux ghandu jithallas mid-dipartiment imma ghandu jaghti €20,911.05; jidher li dan l-ammont ghadu dovut sa' llum. Ma jidhirx li l-imputat ghamel xi tentattiv biex jissalda dan l-ammont.

Illi wahda mill-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat hija dik lil ikkommetta r-reati odjerni f'perjodu operattiv ta' sentenza sospieza. Fil-fatt jirrizulta li f'l-14 ta' Mejju 2008

l-imputat instab hati ta’ *inter alia* serq, falsifikazzjoni u frodi u ta’ dawn ir-reati gie kkundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal erbgha snin.

In oltre jirrizulta mill-fedina penali aggornata ta’l-imputat (esebieta a fol 425) li fis-sena 2003 l-imputat kien instab hati ta’ reati konnessi ma falsifikazzjoni ta’ flus u anke f’din l-okkazzjoni kien inghata sentenza sospieza. Minn din il-fedina penali jirrizulta ukoll li ricentement l-imputat instab hati ta’ reat iehor li kien sehh f’l-14 ta’ Jannar 2007 in kontravvenzjoni tal-Kapitolu 406.

Illi dawn il-fatturi kollha jimmilitaw favur sentenza ta’ prigunerija effettiva u dan mhux biss ghaliex r-reat odjern sehh waqt perjodu operattiv ta’ sentenza sospieza imma ghaliex jidher car li l-imputat m’gharafx juzufruwixxi mill-opportunitajiet li taghtu l-Qorti biex jirriforma ruhu.

Illi pero hemm fatturi ohra li l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni flimkien mas-suespost: dawn jirrizultaw mir-rapport ta’l-ufficjal tal-probation. L-imputat talab li jsir pre-sentencing report in segwietu ghas-social enquiry report li kien sar (fuq talba ta’l-istess imputat) f’l-istadju inizjali ta’ din il-kawza; ir-rizultanzi u r-rakkomandazzjonijiet hemm kontenuti bil-fors iridu jittiehdu in konsiderazzjoni fid-decizzjoni dwar il-piena li ghandha tinghata fil-konfront ta’l-imputat.

Illi f’dan ir-rigward ghandu jigi rilevat mill-ewwel li kemm fir-rapport taghha, kif ukoll meta xehdet wara l-konferma b’gurament ta’ dan ir-rapport, l-ufficjal tal-probation ghamlet rakkomandazzjoni specifika dwar x’mizuri tista’ tiehu l-Qorti dwar il-ksur tas-sentenza sospieza ta’l-14 ta’ Mejju 2008 pero ma kenitx daqstant specifika dwar il-mizuri li jistghu jittiehdu f’sentenza dwar ir-reati odjerni. Pero minn ezami tar-rapport in ezami kif ukoll tad-depozizzjoni ta’l-ufficjal tal-probation jidher li dak li qed jigi rakkomandat huwa supervizjoni biex l-imputat jkompli fit-triq ta’ riabilitazzjoni.

Illi mir-rapport in kwistjoni jirrizulta li l-imputat ghandu problema b’l-abbuz tad-droga; l-ewwel kuntatt li huwa

ghamel ma'l-agenzija Caritas kien fis-sena 2004 pero wara dan l-ewwel kuntatt ma regghax mar. Kien biss fid-19 ta' Settembru 2009, cioe ftit wara li bdiet il-kawza odjerna li l-imputat rega' mar fittex l-ghajnuna tal-Caritas. Jidher li l-ewwel xhur kollox mexa sewwa pero fit-30 ta' Mejju 2010 l-imputat gie sopiez mill-programm residenzjali ghaliex ma qadx ghar-regoli tal-programm. Illum huwa pero zamm kuntatt mal-keyworker tieghu u ma jidhirx li qed jabbuza minn sostanzi illecieti. L-ufficjal tal-probation semmiet bhala raguni possibli ghan-nuqqasijiet ta'l-imputat in-nuqqas ta'l-element ta' supervizzjoni marbut mas-sentenzi sospiezi.

Illi l-ewwel haga li tispikka f'dan kollu huwa li f'perjodu krucjali meta l-imputat kien jaf li l-agir tieghu kien taht skrutinju u seta' jkollu effett determinanti fuq l-ezietu ta' dawn il-proceduri ma kienx kapaci joqghod ghar-regoli tal-programm li huwa kien qed isegwi tant li spicca sospiez mill-imsemmi programm.

Illi t-tieni punt jirreferi ghan-nuqqas ta'l-element ta' supervizzjoni marbut mas-sentenzi sospiezi li nghatghu fil-konfront ta'l-imputat. Ghalkemm il-Qorti ma tistax tkun taf x'sottomissjonijiet saru qabel ma naghtu dawn is-sentenzi, hija konvinta li kieku l-imputat informa lill-Qorti bil-problema tad-droga u l-bzonn tieghu ta' l-ghajnuna fil-persuna ta' ufficjal ta' probation din kienet tinghatalu[1]. Minbarra dan wiehed lanqas ma jista' jinsa li meta l-imputat beda l-programm mal-Caritas huwa kellu supervizjoni, vera li mhux fil-persuna ta'ufficjal tal-probation, imma fil-persuna ta' numru ta' professjonisti li kienu jsegwuh erbgha u ghoxrin siegha fil-gurnata fi hdan il-programm li kien qed isegwi. Minkejja din is-supervizjoni u l-ghajnuna joffru dawn il-professjonisti l-imputat xorta baqa' ma tghallimx li huwa ukoll irid ghoqod ghar-regoli u spicca sospiez mill-programm.

---

[1] Ghandu jigi rilevat li l-problema li ghandu l-imputat b'l-abbuz tad-droga mhiex apparenti *a vista d'occhio*; in oltre ghandu jigi rilevat ukoll li ma tidhirx li kienet lahqet dahlet 'l gewwa hafna tant li l-imputat qatt ma kellu bzonn jiehu methadone bhala parti mill-programm ta' riabilitazzjoni tieghu.

Illi tenut kont ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u tenut kont ukoll tas-serjeta tar-reati li gew kommessi, kif ukoll tal-fatt li l-imputat m’hu qed jaghmel l-ebda sforz kwalunkwe biex jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu mad-dipartiment tal-VAT l-Qorti hija tal-fehma li l-unika triq li ghandha hija dik li timponi piena karcerarja effettiva.

Illi in vista tal-kollaborazzjoni ta’l-imputat u tac-cirkostanzi kollha ta’ dan il-kaz l-Qorti hija tal-fehma ukoll li l-perjodu ta’ prigunerija ghandu jkun wiehed aktar vicin tal-minimu permess milli tal-massimu; in oltre l-Qorti, b’tama li perjodu ta’ karcerazzjoni effettiva jservi biex l-imputat f’l-ahhar jitghallem li r-regoli u l-Ligijiet qeghdin hemm biex jigu osservati, b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28B(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta mhux ser tordna li s-sentenza ta’l-14 ta’ Mejju 2008 tidhol fis-sehh imma ser iggedded il-perjodu operattiv ghal erbgha snin mill-llum.

Illi b’referenza ghat-talba tal-prosekuzzjoni biex l-Qorti tapplika l-artikolu 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront ta’l-imputat jigi rilevat li ai termini ta’ dan l-artikolu l-Qorti ghandha tordna l-konfiska ta’ kull rikavat li jigi mir-reat. Fil-kaz in ezami ma jirrizultax li effettivament l-imputat ha vantagg ekonomiku ghaliex hu ma thallasx xejn; in oltre l-ammont li llum huwa dovut minnu lid-dipartiment mhux rikavat mir-reati odjerni imma jirraprezenta ammonti dovuta qabel ma gew prezentati iz-zewg denunzji li wasslu ghal dawn il-proceduri u jirraprezenta ukoll bilanc fuq assessment li sar mid-dipartiment ghall-perjodu kopert miz-zewg dennnzji msemmija. Konsegwentement il-Qorti hija tal-fehma li l-arikolu 23B mhux applikabbli.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 28B, 42, 115(b)(c), 308, 309, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lil-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija. B’applikazzjoni ta’l-artikolu 28B(2) ta’l-imsemmi Kapitolu 9, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-Qorti qed taghzel li ma ddahhalx is-sentenza mghotija f’l-14 ta’ Mejju 2008 fis-sehh imma qed titratta mal-hati billi tibdel l-ordni originali fis-sens li qed testendi l-

perjodu operattiv ghal perjodu iehor ta' erbgha snin mill-llum.

In oltre l-Qorti qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-interdizzjoni generali perpetwa u ghal dan il-ghan tordna li, a karigu tar-Registratur ta' din il-Qorti, is-sentenza tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

In konkluzzjoni l-Qorti qed tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €1086.04 rapprezentanti spejjez in konessjoni mal-hatra ta' esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien sena mill-llum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------